Verżjoni Elettronika

A.L. 358 tal-2024

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2024 li jemendaw ir-Regoli dwar Tnaqqis (Dħul minn Impjieg) (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 14(2) u 96 tal-Att Dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2024 li jemendaw ir-Regoli dwar Tnaqqis (Dħul minn Impjieg) (Emenda Nru 2) u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Tnaqqis (Dħul minn Impjieg), hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regoli prinċipali". L.S. 123.149.

(2) Dawn ir-regoli għandhom japplikaw b'effett mis-sena ta' stima 2026.

Temenda r-regola 2 tar-regoli prinċipali.

2. Fil-paragrafu (a) tar-regola 2 tar-regoli prinċipali l-kliem "ma jkunx ta' aktar minn ħdax-il elf sitt mija u għoxrin euro (€11,620)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ma jeċċedix tnax-il elf u ħamsin euro (€12,050)".

Temenda r-regola 3 tar-regoli prinċipali.

3. Ir-regola 3 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fis-subregola (1) tagħha l-kliem "disat elef u mitt euro (€9,100)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tnax-il elf euro (€12,000)"; u

(b) is-subregola (2) tagħha għandha tiġi mħassra.